5 ta'. Settembru, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Michael Aquilina

**Karrozza — Assikurazzjoni — "Third Party Risks" — Liċenza — Sospensjoni — Żball — Reat Uniku — Art. 3 (2) tal-Kap. 165.**

*L-iżball, biex jeskludi l-imputabilità penali, jeħtieġ li jkun "in good faith" u jkun bażat fuq "reasonable grounds", u li jkun invinċibili; u ma hux "in good faith" u bażat "on reasonable grounds", u ma hux invinċibili, l-iżball li jallega li kien fih min jippermetti l-użu ta' karrozza minn persuna li ma kellhiex liċenza tas-sewqan, u bla "third party risks policy", għax ma kienx jaf li l-persuna li lilha hu ppermetta l-użu tal-karrozza ma kellhiex liċenza.*

*Il-perijodu ta' sena għall-iskwalifika li wieħed ikollu liċenza tas-sewqan minħabba li jkun għamel użu minn karrozza li ma kienetx debitament assikurata għar-riskji ta' terzi persuni huwa ż-żmien minimu tassativament preskritt mill-liġi; u l-Qorti assolutament ma tistax tnaqqsu ammenokkè ma jkunx hemm "special reasons". Il-motiv li jallega l-imputat, fis-sens li huwa ħaseb illi l-persuna li għamlet użu mill-karrozza kellha liċenza, ċertament mhux "special reason".*

*Il-fatt li bniedem isuq karrozza bla liċenza ma jġibx ukoll b'ness ġuridiku u naturali li dak il-bniedem isuq il-karrozza mingħajr "third party risks policy"; u għalhekk ma hemmx uniċità ta' reat bejn iż-żewġ ħtijiet.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-13 ta' Mejju 1953, l-imsemmi Aquilina ġie misjub ħati talli ppermetta lil Silvio Mangion isuq motor-car bla liċenza tas-sewqan, u ħati wkoll talli ppermetta l-użu tal-motor-cycle bla "Third Party Risks Policy", u ġie kundannat għall-multa ta' £2. 10. 0 ta' l-ewwel reat, u għall-multa ta' £5 tat-tieni reat, u ġiet ordnata, in konnessjoni mat-tieni reat, l-iskwalifika tiegħu mill-pussess ta' liċenzi tas-sewqan għal żmien sena;

L-imputat appella;

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni. L-appellant isostni li m'hux passibili ta' kundanna, għaliex tonqos il-"mens rea", peress li hu kien qed jaħseb li Silvio Mangion (ċjoè l-individwu li lilu ppermetta l-użu tal-motor-cycle) kellu liċenza tas-sewqan;

Għandu jiġi osservat, l-ewwelnett, li dan il-motiv jista' jkun riferibili, se maj, għall-ewwel imputazzjoni, u mhux anki għat-tieni. Komunkwe sija, però, huwa riċevut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza illi l-iżball, biex jeskludi l-imputabilità penali, jeħtieġ li jkun "in good faith", u bażat "on reasonable grounds"; hemm bżonn li jkun invinċibili. Issa hu ta' evidenza palmari li l-appellant seta' faċilment jivverifika jekk Mangion kellux liċenza tas-sewqan u "third party risks policy", billi jitolbu l-produzzjoni tagħhom. Hu, invece, aġixxa b'"recklessness" (dak li jissejjaħ "wilfully shutting one's eyes"); u "recklessness" la hi "reasonable belief", la hi "buona fede", u lanqas żball invinċibili;

Ġiet diskussa fid-dibattitu orali l-kwistjoni tal-piena ta' l-iskwalifika għal żmien sena, li d-difensur issottometta li hija gravuża;

Għandu jingħad immedjatament li l-perijodu ta' sena huwa ż-żmien minimu tassativament preskritt mil-liġi (art. 3 (2) Kap. 165 Ediz. Riv.); u l-Qorti assolutament ma tistax tnaqqsu, ammenokkè ma jkunx hemm "special reasons". L-Imħallef sedenti kellu l-okkażjoni jissenjala, fis-sentenza minnu mogħtija fl-20 ta' Diċembru 1952 in re "Pulizija vs. Zammit", illi, għalkemm il-leġislatur malti segwa f'din il-liġi dik ingliża, però omnetta ċerti mitigazzjonijiet li jeżistu fil-liġi ingliża biex jiġi evitat "undue hardship", u rrakkomanda li jiġu kunsidrati dawn il-mitigazzjonijiet, li huma :—

1. Il-fakoltà tal-kundannat li, wara sitt xhur sospensjoni, jitlob lill-istess Qorti biex taħfirlu l-bqija tal-piena; u fil-konsiderazzjoni ta' dina t-talba l-Qorti tista' tqies kull motiv ta' kull xorta, bla ma tkun marbuta bl-interpretazzjoni stretta tal-kliem "special reasons";

2. Hemm ukoll li, mentri fil-liġi maltija l-iskwalifika tolqot kull xorta ta' liċenza tas-sewqan ta' kull vettura li tkun (p.e. f'dan il-każ ir-reat jirrigwarda motor-cycle, imma l-is-

kwalifika tipprekiudi l-imputat anki milli jkollu liċenza ta' car); fl-Ingilterra inveċe, il-Qorti tista' tillimita l-iskwalifika għat-tip tal-vettura li in relazzjoni tagħha sar ir-reat;

3. Hemm ukoll il-fakoltà li teskludi, f'ċerti każijiet, l-iskwalifika taħt il-"Probation of Offenders Act", meta jkun hemm "extenuating circumstances";

Xi-ifissru l-kliem "special reasons" ġie anki studjat fl-istess sentenza in bażi għall-ġurisprudenza ingliża;

Jista' jiżdied, sabiex jiġi konfermat il-fatt li dawn il-kliem "special reasons" ippreokkupaw bil-bosta l-attenzjoni tat-tribunali, illi dan l-aħħar, fl-1951, ġie pubblikat fl-Ingilterra ktieb appuntu msejjaħ "Special Reasons", li l-awtur tiegħu hu W. E. Blake Carn, Solicitor u Clerk tal-Justices of Leicester, li fih hemm riprodotti l-ġudikati kollha li ngħataw sa issa mill-Qrati Ingliżi b'interpretazzjoni u applikazzjoni ta' dawn il-kliem. F'din il-materja l-Qrati Ingliżi, kif jirriżulta mill-"Introduction" tal-ktieb issa ċitat, segwew dak li kienu qabilhom ġà rritenew il-Qrati Irlandiżi u Skoċċiżi—dawk ta' l-ewwel fil-kawża Rex v. Crossan, K.B.D. Ir. (1939) N. I. 106; u dawk tat-tieni fil-kawżi Muir v. Sutherland (1940) Scottish Courts (J.C.) 66, u Adair v. Mann, u Adair v. Brush, 1940, S.C. (J.C.) 69. S'intendi, kif l-Imħallef sedenti ġà osserva, imma jiswa li jiġi ripetut, din l-interpretazzjoni tal-kliem tal-liġi, għalkemm l-unika li hi tajba u inevitabili, għax, kif qal Lord Goddard fil-kawża Lines v. Hersom (p. 55 ta' dak il-ktieb), ladarba l-liġi hija hekk, għandha tiġi applikata, eppure fil-każ ta' Malta ma hemmx il-mitigazzjonijiet fuq imsemmija, u jixraq li l-pont jekk għandhomx jiġu introdotti jiġi studjat "in lege condenda", biex il-"hardship", viżwalizzat mill-leġislatur ingliż, ma jiġix imkabbar mill-leġislatur malti bl-ommissjoni ta' dawk il-mitigazzjonijiet;

Fil-każ preżenti, kif ġà ngħad, l-uniku motiv addott hu li l-appellant ħaseb li Mangion kellu liċenza. Kif ġie mfisser fis-sentenza ċitata, ġie ritenut fil-ġurisprudenza ingliża (ara sentenza Rennison v. Knowler, p. 13, op. cit.) li "belief, however honest, could not be regarded as a special reason unless based on reasonable grounds"; u l-"grounds" tal-"belief" ta' l-appellant ma jistgħux jiġu ritenuti "reasonable". Mill-kon-

test tas-sentenza Rennison v. Knowler jidher ċar li l-individwu li jkun għandu jassikura ruħu, u mhux jassumi, li hemm il-"policy";

*Lanqas hemm l-uniċità tar-reat, għaliex il-fatt li bniedem* isuq bla liċenza ma jġibx ukoll b'ness ġuridiku u naturali li dak il-bniedem isuq ukoll bla "third-party risks policy"; għaliex jista' jkun li bniedem ikun qed isuq bla liċenza għax skadietlu, u ntant ikollu "policy" veljanti;

Għalhekk il-Qorti, fl-istat tal-liġi, ma tarax ebda motiv *biex timmitiga l-perijodu ta' l-iskwalifika;*

L-appell hu kwindi miċħud, u s-sentenza appellata konfermata; żmien għall-ħlas tal-multa xahar mil-lum.